Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0154

Konvenzjoni li tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' April 2026 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna (06970/2026 – C10-0090/2026 – 2026/0065(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna (06970/2026),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni li tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna (15500/2025),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 212 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0090/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.